

Brussell, 18 ta' Mejju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0143 (COD)

8922/18
ADD 4

CLIMA 79
ENV 299
TRANS 211
MI 359
CODEC 793
IA 134

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 186 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĦDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal- emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal ġodda

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 186 final.

Mehmuż: SWD(2018) 186 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
SWD(2018) 186 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda

{COM(2018) 284 final} - {SEC(2018) 233 final} - {SWD(2018) 185 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta għal Regolament tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għall-vetturi tqal ġodda
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
Bejn l-1990 u l-2015, l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi tqal (HDV) żdiedu b'madwar 19 %. L-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi tqal bħalissa mhumiex regolati fl-UE, b'kuntrarju għall-emissjonijiet tal-karozzi u tal-vannijiet. Għadd kbir ta' teknoloġiji kosteffettivi faċilment disponibbli li jtejbju l-effiċjenza tal-fjuwil mhumiex mifruxin estensivament fis-suq, minkejja li l-ispiża tagħhom hi baxxa u jistgħu jiġġeneraw iffrankar nett għoli. Dan jiġri l-aktar minħabba informazzjoni imperfetta u asimmetrika fis-suq tal-vetturi ġodda, għax l-operaturi tat-trasport, li ħafna minnhom huma SMEs, isibuha kumplessa biex jaċċessaw u jużaw bis-sħiħ l-informazzjoni teknika fuq dawn it-teknoloġiji. Minħabba f'hekk, il-problemi identifikati huma: 1) Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi tqal se jiżdiedu b'sa 6% bejn l-2015 u l-2030. 2) L-operaturi tat-trasport u l-konsumaturi tagħhom qed jitlejfu ċertu ffrankar fil-fjuwil. 3) Il-manifatturi Ewropej tal-vetturi tqal u l-fornituri tal-komponenti jinsabu f'riskju li jitlejfu t-tmexxija innovattiva teknoloġika tagħhom għax fl-aħħar snin, swieq sinifikanti bħall-Istati Uniti, il-Ġappun u ċ-Ċina implimentaw standards tal-emissjonijiet biex jistimulaw l-innovazzjoni u jtejbju malajr l-effiċjenza tal-vetturi. Il-partijiet milquta jinkludu l-popolazzjoni ġenerali, l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija u l-manifatturi tal-vetturi tqal.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
L-inizjattiva għandha: 1) tikkontribwixxi biex jitwettqu l-impenji tal-UE fil-Ftehim ta' Pariġi billi jonqsu l-emissjonijiet tas-CO ₂ mill-vetturi tqal, 2) tnaqqas l-ispejjeż operattivi għall-operaturi tat-trasport u l-ispejjeż tat-trasportazzjoni għall-konsumaturi, u 3) iżżomm il-pożizzjoni ta' tmexxija innovattiva u teknoloġika tal-manifatturi tal-vetturi tqal u l-fornituri tal-komponenti tal-UE.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
L-azzjoni tal-UE hi kosteffettiva u se tiżgura miżuri kkoordinati fost l-Istati Membri biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. Aktarx li waħedhom, l-Istati Membri ma jaslux biżżejjed.
B. Soluzzjonijiet
X'alternattivi ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi alternattiva ppreferuta jew le? Għaliex?
Wara analiżi tal-miżuri ta' politika tal-UE relatati mat-trasport, ġiet identifikata l-ħtieġa li jiddaħħlu standards tal-emissjonijiet tas-CO₂. Dan jistabbilixxi miżura kumplimentari għan-naħa tal-provvista fil-livell tal-UE bil-ħsieb li tkun żgurata dekarbonizzazzjoni effettiva tas-settur tat-trasport tal-vetturi tqal. Għat-tfassil tal-istandards tas-CO₂, tqiesu bosta alternattivi ta' politika b'rabta ma': 1) Il-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂ 2) Id-distribuzzjoni tal-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-flotta kollha tal-UE fost gruppi ta' vetturi u manifatturi 3) L-inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet baxxi u mingħajr emissjonijiet (LEV/ZEV) 4) L-elementi għal implimentazzjoni kosteffettiva 5) It-tisħiħ tal-governanza
Liema alternattiva u min jappoġġaha?
Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jappoġġaw l-introduzzjoni ta' miri tas-CO ₂ għall-vetturi tqal fil-livell tal-UE. Il-manifatturi tal-vetturi tqal huma favur miri inqas ambizzjużi meta mqabbla mal-NGOs u jappoġġaw mira unika

tas-CO₂ għal kull manifattur. Rigward il-LEV/ZEV, il-manifatturi jappoġġaw is-superkredit, filwaqt li l-NGOs huma favur mandat. L-implimentazzjoni kosteffettiva hi appoġġata minn kull parti kkonċernata, il-manifatturi jaqblu mal-ibbankjar u s-self u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili huma favur il-kummerċ. Hawnha mill-partijiet ikkonċernati jaqblu mal-monitoraġġ taċ-ċifri ċertifikati tas-CO₂ fil-konfront tal-emissjonijiet fl-użu reali.

C. Impatti tal-alternattiva ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-alternattivi esplorati jkopru firxa ta' trajettorji ta' miri ta' tnaqqis tas-CO₂ sal-2030.

Fost il-varji alternattivi kkunsidrati għal-livelli tal-mira, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal sal-2030, meta mqabbel max-xenarju bażi, iwarja minn 3 % sa 8 %. Sal-2030, l-emissjonijiet tan-NO_x naqsu b'1.3 % sa 4.7 % u l-emissjonijiet tal-PM_{2.5} b'sa 0.6 %.

Huma mistennija benefiċċji netti sinifikanti għas-soċjetà inġenerali kif ukoll għall-operaturi tat-trasport u l-konsumaturi. Dawn jibqgħu jżiedu filwaqt li l-livelli tal-miri tas-CO₂ jsiru aktar stretti. Il-benefiċċji ekonomiċi netti mill-perspettiva tas-soċjetà, inkluż l-ispejjeż evitati tas-CO₂, iwarjaw minn EUR 9,377 - EUR 52,369 għal kull trakk irreġistrat fl-2025 u minn EUR 41,567 - EUR 87,278 għal kull trakk irreġistrat fl-2030.

Mill-ewwel u t-tieni perspettiva tal-użu, l-iffrankar nett kumulattiv, jiġifieri d-differenza bejn l-iffrankar fil-fjuwil u l-ispejjeż tal-manifattura, iwarja minn EUR 5,413 - EUR 37,589 għal kull trakk fl-2025 u minn EUR 22,032 - EUR 82,429 għal kull trakk fl-2030. Dan hu ekwivalenti għal 1 % u 4 % fl-ispejjeż operattivi fl-2025 u bejn 3 % u 12 % fl-2030.

Analiżi tat-teknoloġiji kosteffettivi diġà disponibbli jew li se jsiru disponibbli fi żmien qasir turi li bl-użu sħiħ tagħhom jinkiseb tnaqqis fl-emissjonijiet ta' bejn 15 % u 20 % fl-2025 meta mqabbel max-xenarju bażi.

Inċertezzi akbar b'raba mal-prestazzjoni u l-ispiża ta' teknoloġiji aktar avvanzati u, b'mod partikolari, ta' motopropulsjonijiet alternattivi dipendenti fuq l-eżistenza ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi jistgħu jaffettwaw il-fattibbiltà ta' alternattivi ta' livell tal-mira oġġla sal-2030.

L-ispejjeż totali tat-trasport tal-merkanzija b'vetturi tqal għal kull attività naqsu daqsxejn, b'inqas minn 1 % sal-2025 u fl-ordni ta' 1 sa 3 % fl-2030.

X'inhuma l-ispejjeż tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-ispejjeż tal-manifattura se jżiedu u b'hekk l-operaturi li jixtru trakk ġdid se jġarrbu spejjeż immedjati akbar. Għal trakk ġdid medju rreġistrat fl-2025, dawn l-ispejjeż iwarjaw minn EUR 858 - EUR 27,797, u fl-2030 dawn iwarjaw minn EUR 4,657 - EUR 58,760 fost l-alternattivi kkunsidrati. F'termini relattivi, dan jirrappreżenta bejn 0.8% u 25.3% tal-prezz tax-xiri tal-vettura.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-operaturi tat-trasport, l-aktar l-SMEs, huma mistennija jgawdu minn inqas konsum fil-fjuwil. L-iffrankar miksub hu mistenni jisboq b'mod sinifikanti l-ispejjeż addizzjonali ta' trakk ġdid mgħammar b'teknoloġiji tat-tnaqqis tas-CO₂. L-SMEs li jforu dawn it-teknoloġiji lill-manifatturi tal-vetturi tqal se jkollhom aktar domanda.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Id-dħul mit-taxxa fl-EU28 hu mistenni jonqos daqsxejn minħabba tnaqqis fil-bejgħ tad-diżil.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Qafas regolatorju għall-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi tqal se jgħin lill-industrija awtomobilistika tal-UE biex jibqa' jkollha t-tmexxija innovattiva u teknoloġika tagħha u aċċess għas-swieq. Jekk jonqsu l-ħtiġijiet għal fjuwils fossili, se titjieb il-qagħda tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika? Sa 4 linji

Hemm prevista reviżjoni bikrija fl-2022 dwar l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni. Ir-reviżjoni (1) tistabbilixxi jew tikkonferma l-mira għall-2030, (2) testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal gruppi oħra ta' vetturi tqal, jiġifieri għax-xarabanks u trakkijiet iżgħar, (3) tirrevedi l-effikaċja tal-modalitajiet għall-implimentazzjoni, pereżempju l-iskema tal-inċentivi għall-vetturi b'emissjonijiet baxxi u mingħajr emissjonijiet.